MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2005

Numru. 38/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**-vs-**

**Shannon Pisani ta' 25 sena, bin Joseph u Josephine nee' Bajada, imwieled Victoria fid-29 ta' Mejju 1977 u residenti "Pisani", Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri, Sannat, Ghawdex - Karta ta' l-identita' numru 18577(G)**

Illum 21 ta' Lulju 2005

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-3 ta' Settembru 2002 ghall-habta tad-9.00am, fil-Munxar, Ghawdex insolenta, hedded u fizikament aggredixxa lil Johann Buttigieg, ufficcjal ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u kwindi persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u dan bil-hsieb li jbezza' u jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Ukoll talli fl-istess data, lok u hin ipprova jfixkel lil diversi ufficcjali ta' Awtorita' Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom skond il-ligi u dan kontra l-provvedimenti ta' l-Artikolu 56(1)(d) ta' l-Att 1 ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp kif emendat.

Ukoll talli fl-istess data, lok u hin, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' l-Ispettur Antonello Grech, Johann Buttigieg, ufficcjal ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u tal-Kuntistabbli 639 Joe Bugeja, kollha ufficcjali pubblici, waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga taghhom.

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija kif ukoll ufficcjali ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn Awtorita' kompetenti.

Ukoll talli fl-istess data, lok u hin hebb ghal Anthony Theuma b'oggett iebes (mazza).

Ukoll talli fl-istess data, lok u hin hedded lil diversi ufficcjali tal-Korp tal-Pulizija u stedinhom ghall-glied.

Ukoll talli fl-istess data, lok u hin kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Ukoll talli fl-istess data, lok u hin m'obdiex ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Ispettur Antonello Grech.

Ukoll talli fl-istess data f'Sannat Ghawdex ghall-habta td-8.45pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor billi kkaguna hsarat fuq il-vettura HAU 803 ghad-dannu ta' Victor Micallef.

Il-Qorti hija gentilment miltuba li f'kaz ta' htija tapplika l-provvedimenti kontemplati fl-Artikolu 56(1) ta' l-Att 1 ta' l-1992 kif ukoll l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Semghet il-provi.

Rat l-atti tal-kawza kif ukoll il-verbal tal-lum stess fejn l-imputat skuza ruhu ghall-akkadut.

Rat l-artikoli 95, 96, 325(a), 339(d)(e), 339(b), 338(dd), 338(ee), 17(b), (c), 20, 23, 283 u 30 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 56(1)(d) ta' l-Att I ta' l-1992.

Issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet xhur mil-lum ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------